MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Numru. 150/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**OSAMA SHLABI RAGAB B.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Osama Shlabi Ragab B. ta' 35 sena, iben Ragab u IIhadda Harxuf, imwieled Garjen, Libya fid-19 ta' Gunju, 1968, u joqghod David, Flat 1, Triq il-Biedja, Safi, Nru ta' l-Identita' 24314A.

Gie akkuzat:-

1. talli fid-9 ta’ Settembru 2003 ghall-habta tal-5.30 p.m. fil-Qrendi volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Angelo Ciappara mill-Qrendi;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-LM50 izda hija inqas minn LM500 ghad-dannu ta’ Catherine Ciappara mill-Qrendi;
3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura ta’ l-ghamla Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni DAO 072 b’manjiera traskurata u perikoluza;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 25 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 214, 216, 325(b) tal-Kap. 9 u s-subartikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Osama Shlabi Ragab B., fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess imputat Osama Shlabi Ragab B. taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien ghaxar (10) xhur millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Osama Shlabi Ragab B. il-piena ta’ mitejn u hamsin Ewro (Ewro 250) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-subartikolu 15(2) tal-Kap. 65, tiskwalifika lill-imputat Osama Shlabi Ragab B. milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Osama Shlabi Ragab B. l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------